IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.8.2021
COM(2021) 488 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-merkurju

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/852 dwar il-merkurju

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 ("ir-Regolament dwar il-Merkurju")[1] jistabbilixxi miżuri dwar l-użu, il-ħżin u l-kummerċ tal-merkurju, komposti tal-merkurju u tat-taħlitiet tal-merkurju; il-manifattura, l-użu u l-kummerċ ta' prodotti miżjuda bil-merkurju; l-eliminazzjoni gradwali tal-proċessi tal-manifattura bl-użu tal-merkurju jew tal-komposti tal-merkurju; u l-ġestjoni tal-iskart tal-merkurju. B'dan il-mod, ir-Regolament dwar il-Merkurju flimkien ma' strumenti oħra tal-liġi tal-UE, jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

L-Artikoli 13(2) u 20 tar-Regolament dwar il-Merkurju jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati (i) biex testendi l-perjodu ta' żmien li matulu l-Istati Membri jitħallew jaħżnu temporanjament fil-miżbliet merkurju fi stat likwidu sakemm jintrema definittivament u (ii) temenda l-Annessi I sa IV tar-Regolament sabiex jiġu allinjati ma' deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata ("Minamata COP").

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament dwar il-Merkurju.

Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mit-13 ta' Ġunju 2017, li għandu jiġi awtomatikament estiż għal perjodu ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokawha f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament dwar il-Merkurju. F'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament dwar il-Merkurju, il-Kummissjoni hija meħtieġa tħejji rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disà xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija meħtieġa toħroġ l-ewwel rapport mhux aktar mit-13 ta' Settembru 2021 li jkopri l-perjodu ta' ħames snin bejn it-13 ta' Ġunju 2017 u t-12 ta' Ġunju 2022.

Peress li d-delega tas-setgħa ma ġietx revokata taħt l-Artikolu 21(3) tar-Regolament dwar il-Merkurju, ir-rapport ikopri l-ewwel ħames snin f'konformità mal-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

L-eżerċizzju tal-għoti tas-setgħa kien meqjus meħtieġ biex jikkumplimenta jew jadatta diversi dispożizzjonijiet previsti mir-Regolament dwar il-Merkurju.

Filwaqt li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament dwar il-Merkurju jippermetti li l-Istati Membri jitħallew jaħżnu temporanjament fil-miżbliet merkurju fi stat likwidu (deroga għall-Artikolu

[1] ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1

5(3) tad-Direttiva 1999/31/KE dwar il-miżbliet[2]) sakemm jintrema definittivament , il-Kummissjoni għadha ma rċeviet l-ebda informazzjoni dwar il-ħtieġa li testendi dan il-perjodu. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha ma adottat l-ebda att delegat biex itawwal dan il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2025 skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar il- Merkurju.

L-Anness I tar-Regolament dwar il-Merkurju jelenka komposti tal-merkurju u taħlitiet tal-merkurju projbiti milli jiġu esportati, u soġġetti għal-regoli speċifiċi fuq ħżin temporanju. L-Anness II ta' dak ir-Regolament jelenka l-prodotti miżjuda bil-merkurju pprojbiti milli jiġu esportati, importati u manifatturati flimkien, assoċjati ma' dati ta' eliminazzjoni gradwali, filwaqt li l-Anness III jelenka l-proċessi tal-manifattura li jużaw il-merkurju u/jew komposti tal-merkurju li jridu jitneħħew gradwalment sa data partikolari. L-Anness IV tar-Regolament dwar il-Merkurju jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-estrazzjoni u l-ipproċessar tad-deheb artiġjanali u fuq skala żgħira fejn tintuża l-amalgamazzjoni tal-merkurju għall-estrazzjoni tad-deheb mill-minerali. Minħabba li s-COP ta' Minamata għadha ma ppromulgat l-ebda deċiżjoni li tkun teħtieġ l-allinjament tal-Annessi I sa IV msemmija hawn fuq mar-Regolament dwar il-Merkurju, il-Kummissjoni ma kellhiex bżonn tadotta atti delegati li jallinjaw dawk l-Annessi mad-deċiżjonijiet ikkonċernati mis-COP ta' Minamata.

4. KONKLUŻJONI

Matul l-aħħar ħames snin, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat delegati mogħtija lilha skont ir-Regolament(UE) 2017/852. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[2] ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1